MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Talba Numru. 1348/2010

**Vodafone Malta Limited**
**C-10865**

**vs**
**Anthony Zammit**
**I.D. 542182(M)**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut is-somma ta' elf hames mija disgha u sittin Ewro u ghoxrin centezmu (€1,569.20), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenut abbazi tal-ftehim bejn il-kontendenti.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi b'talba hall-pagament effettiv, izda dan baqa' inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sa' llum.
Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru u bl-imghax legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li s-socjeta' attrici pprezentat nota ta' riduzzjoni stante pagament da parti tal-konvenut u ghalhekk l-pretenzjoni attrici hija dik ta' elf u dsatax-il Ewro u ghoxrin centezmu (€1,019.20).

Ra x-xhieda tal-konvenut li ammetta quddiem dan it-Tribunal li kien ghamel pagament ta' hames mitt Ewro (€500) u pagament iehor ta' hamsin Ewro (€50) u ghalhekk l-ammont li kien ghadu dovut lejn is-socjeta' attrici kien ta' elf u dsatax-il Ewro u ghoxrin centezmu (€1,019.20) u kien wasal ghal ftehim mal-istess socjeta' dwar il-modalitaijiet ta' pagament.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Il-konvenut stess ammetta li kien debitur tas-socjeta' attrici u li kien nel frattemp ghamel zewg pagamenti li b'kollox kienu jammontaw ghal hames mija u hamsin Ewro (€550) u ghalhekk kien ghad fadal li jhallas bilanc ta' elf u dsatax-il Ewro u ghoxrin centezmu (€1,019.20).

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u dsatax-il Euro u ghoxrin centezmu (€1,019.20) u cioe' l-ammont kif ridott mis-socjeta' attrici stante pagament da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjez u l-imghax, kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------